**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 79/13 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi hija zzewget lill-konvenut fil-5 ta' April 2010 u tfal ma ghandhomx ;

Illi sfortunatament inqalghu hafna problemi fiz-zwieg minhabba inkompatibilta' ta' karattru, indhil min-naha ta' omm il-konvenut – Lourdes B – kif ukoll sevizji, theddid u ingurji gravi min-naha tal-konvenut kif ukoll nuqqas ta' hlas xieraq ta' manteniment ;

Illi hija nghatat il-permess mehtieg biex tmexxi b'dil-kawza, Dok B ;

Talab li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti konjugi B;
2. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-attrici;
3. Tikkundanna lill-konvenut C B jhallas din ir-retta alimentari;
4. Tittermina l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li jkunu komminati kontra l-intimand id-dispozizzjonijiet tal-Art. 48 tal-Kap. 16;
5. Tordna lill-intimand jghaddi l-beni parafernali u/jew dotali tal-attrici lilha innifisha;

Bl-ispejjez kontra l-intimand imharrek minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi huwa ma jopponix li tkun pronunzjata is-separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan illi t-tort ghall-firda matrimonjali jkun attribwit lil A B billi kienet hi li abbandunat id-dar matrimonjali tlett xhur biss wara z-zwieg;
2. Illi ma hija dovuta l-ebda retta alimentari minghand l-esponent lejn A B u dan billi hija ghandha tkun dikjarata li iddekadiet minn kwalsijasi drittijiet matrimonjali billi abbandunat id-dar matrimonjali;
3. Illi l-esponenti ma jopponix ghall-qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan illi d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kap. 16 jkunu applikati fil-konfront ta' A B, billi hija ghandha tkun dikjarata hatja tal-firda bejn il-partijiet;
4. Illi l-esponent ma jopponix ghar-raba talba dment illi jkun hemm qbil bejniet il-partijiet dwar liema beni jikkostitwixxu l-proprjeta parafernali u dotali ta' A B;

Bl-ispejjez kontra A B;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota tal-attrici tad-9 ta' Novembru, 2016 li permezz taghha cediet it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors guramentat taghha, hlief ghall-ewwel talba;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi  l-attrici A B issodisfat ir-rekwiziti kollha tal-ligi sabiex zwieg jigi mahlul, peress illi ppruvat li l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba` snin de facto separati minn ma' xulxin ;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l- Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilqa' l-ewwel talba attrici, tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.